



Brussell, 5 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2020/0365(COD)

---

15415/1/22  
REV 1 ADD 1

CODEC 1869	COTER 296
PROCIV 147	RELEX 1636
ENV 1238	ENER 648
JAI 1606	HYBRID 113
SAN 642	TRANS 763
COSI 312	CYBER 394
CHIMIE 99	TELECOM 509
ENFOPOL 614	ESPACE 123
RECH 639	ATO 101
CT 218	CSC 558
DENLEG 92	ECOFIN 1275

#### NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tkassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

#### Dikjarazzjoni mill-Irlanda

L-Irlanda tinnota li r-reżiljenza hija kwistjoni ta' Gvern fl-intier tiegħu, tal-UE kollha u tas-soċjetà kollha kemm hi. Għalhekk, aħna nappoġġaw u nilqgħu d-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, li tirriżulta minn proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa element ewljeni fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-operaturi tal-infrastruttura kritika wiċċi imb'wiċċ ma' theddid bħal pandemiji, terroriżmu jew diżastri naturali.

Nixtiequ nirrikonoxxu l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea u l-attenzjoni tal-Presidenza Ewropea fl-ghajjnuna tagħhom lill-Irlanda fl-indirizzar tat-tħassib tagħna marbut mal-impatt ta' din il-proposta fuq it-Trattati Internazzjonali eżistenti. Tħassib ewljeni ieħor għall-Irlanda matul in-negozjati kien il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-oqsma importanti tas-sigurtà pubblika, is-sigurtà nazzjonali u d-difiża. Ninsabu sodisfatti li t-tħassib tagħna ġie indirizzat matul in-negozjati kollha.